MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2013

Numru 872/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Johann Charles Xerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Johann Charles Xerri**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben Felice u Yvonne xebba Debono, imwieled Pieta' nhar it-22 t'Ottubru 1983, residenti 13, Flat 3, Triq it-Turġien, il-Belt Valletta u detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 551383(M) akkuzat talli f'dawn il-gżejjer, ġewwa l-Belt Valletta, nhar l-10 ta' Settembru 2013 għall-ħabta tad-09.00 ta' filgħodu:

1. ikkommetta serq ta' ġiżirana ta' valur ta' iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin

ċenteżmu (€232.94) minn fuq il-persuna ta' Emanuele Miceli ta' disgha u tmenin (89) sena, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur;

2. għamel reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiza għal erbgħa snin, mogħtija mill-Maġistrat Dr. A. Vella LL.D. nhar id-19 ta' Lulju 2013;

3. irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat huwa recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll il-fatt li l-imputat kkometta r-reati addebitati lilu waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.[1] Filwaqt li l-Qorti tifhem li

[1] Din is-sentenza kienet dik moghtija fid-19 ta' Lulju 2013 fejn l-imputat kien gie kkundannat sentejn prigunerija li gew sospizi ghall-erba' (4) snin.

l-imputat ghandu problema rigward id-dipendenza tieghu fuq id-droga, fl-istess waqt is-socjeta' ghandha tigi protetta, b'mod specjali meta jsir serq fuq persuni anzjani (bhal ma gara fil-kaz odjern). Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu issa jiskonta piena ta' prigunerija effettiva b'dan illi l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-problema tieghu rigward id-dipendenza fuq id-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B(1), 49, 50, 261(c), 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Johann Charles Xerri hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija li kienet giet sospiza ghall-erba' (4) snin, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' seba' (7) xhur prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment kundannat ghal perjodu ta' sentejn u seba' (7) xhur prigunerija.

Il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat Johann Charles Xerri jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------